MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 33/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Martin Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Martin Debono, ta' 33 sena imwieled Pieta' fil-15 ta' Novembru, 1970 iben Anthony u Josephine nee' Cassar residenti Nru 12 Okella Agius, Qormi Road Hamrun, detentur ta' karta ta' l-identita' 51970M.

Akkuzat talli fit-30 t'Awwissu 2004;

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruq mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li timmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

1. Fit-30 ta' Settembru 2004, membri tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qed jaghmlu osservazzjonijiet fl-inhawi tal-Pjazza ta' Fra Diegu u Qormi Road, il-Hamrun.
2. Hin minnhom, PC 579 Antoine Micallef, li hdejn il-Pjazza ta' Fra Diegu, ra lill-imputat jaghmel kuntatt suspettuz ma' zewg zghazagh. Huwa informa lill-kollegi tieghu, li kienu fil-vicin, li waqqfu liz-zewg zghazagh.[1]
3. Iz-zewg zghazagh kienu Kevin Abela u Mariella Galea. Saret tfittxija u fil-basket ta' Kevin Abela instab qartas suspettat li kien fih l-herojina, tmintax (18)-il pillola ecstacy u bicca sustanza suspettata raza.[2] Dan il-persuni gew arrestati.
4. Il-Pulizija regghu marru fl-inhawi fejn kienu qed jaghmlu l-osservazzjoni biex ifittxu lill-imputat. Hin minnhom PS 579 indikalhom lill-imputat, u dan x'hin lemah lill-Pulizija telaq

[1] Ara xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef a fol. 41-42 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, u xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg a fol. 38 tal-process.

jigri u l-pulizija rawh jarmi tlett sachets tal-foil mal-art. Dawn gew migbura mill-Pulizija, u l-pulizija irnexxielhom jaqbdu u jarrestaw lill-imputat.[3]

5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li t-tlett qratas li rema' kienu ghall-uzu personali tieghu, u cahad li jbiegh id-droga.[4]
6. L-espert Spizjar Mario Mifsud wasal ghal konkluzjoni li dawn it-tlett qratas kien fihom piz totali ta' 0.331 grammi u purita ta' 48.7%.[5] Kull qartas kien separatament imgewzwer fil-foil, u l-pizijiet tal-qratas kienu 0.113gr, 0.111gr u 0.107gr.[6]

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputat mhux jinnega li kellu fil-pussess tieghu tlett qratas herojina pero qed jghid li dawn kienu ghall-uzu tieghu personali u qed jinnega li hu qatt biegh xi droga, inkluz liz-zewg zghazagh Kevin Abela u Mariella Galea.

Min-naha l-ohra Kevin Abela, li dak iz-zmien kellu sbatax (17)-il sena u li kien jabbuza mid-droga herojina ukoll, xehed li waqt li kien il-Hamrun biex jixtri xi hwejjeg, hassu *sick* u beda jara minn fejn ser jinqeda, u ra persuna u xtara pakkett herojina minghandu. Huwa ma gharafx lill-imputat bhala l-persuna li minghandha xtara d-droga.[7] Pero fix-xhieda guramentata tieghu, li ta *a tempo vergine*, Kevin Abela xehed li hu kien diga iltaqa' ma din il-persuna l-Hamrun is-Sibt ta' qabel l-incident in kwistjoni u kien xtara minghandu pakkett herojina, li kien maghmul minn karta roza. Dak in-nhar tal-incident huwa rega' ra lil din il-persuna bil-qieghda fuq ghatba tal-bar li hemm fil-kantuniera u

[3] Ara xhieda ta' PC1183 Oliver Borg a fol. 35 *et seq.* tal-process u xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg a fol. 38 *et seq.* tal-process.
[4] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 15 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 17 tal-process u r-relazzjoni tieghu ezebita bhala Dok. MM1 a fol. 19 tal-process.
[6] Ara relazzjoni (Dok MM1) tal-espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 21 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Kevin Abela a fol. 56-57 tal-process.

staqsieh jekk kellux pakkett herojina, u din il-persuna tefghatlu pakkett, li kien maghmul mil-foil fl-art hdejh. Abela gabru u tah Lm10 u beda miexi lejn il-Blata l-Bajda fejn imbaghad gie imwaqqaf mill-Pulizija. Abela ikkonferma li l-pakkett li sabulu l-Pulizija kien l-istess pakkett li xtara minghand dan ir-ragel.[8] Waqt li kien qed jixhed quddiem il-Magistrat Inkwerenti, huwa qal ukoll li *"hbat ma' din il-persuna waqt li kont id-Depot mal-Ufficjal tal-Pulizija, kien arrestat."*[9]

Waqt ix-xhieda ta' Abela, din il-Qorti (differentement preseduta) ghamlitlu din il-mistoqsija: *"Jigifieri inti allura mort fuq il-post, rajt persuna hekk u tistaqsieha ghad-droga hekk? Jigifieri jekk tara lili fit-triq tistaqsini ghad-droga?"* Abela wiegeb hekk: *"Le kien hemm persuna qed jaghti xi haga lil xi hadd iehor u assumejt ghax dawn l-affarijiet ahna nkunu nafuhom hux."*

Mariella Galea, t-tfajla ta' Kevin Galea, u li kienet mieghu meta xtara d-droga xehdet li din kienet l-ewwel darba li xtraw minghand dan ir-ragel. Dan ir-ragel kien f'bar fil-kantuniera, fejn il-Pjazza ta' Fra Diegu, il-Hamrun. Kevin talbu l-herojina u dan ir-ragel tahom l-herojina. Kif telqu l'hemm arrestawhom il-Pulizija. Hija ma gharfitx lill-imputat bhala r-ragel li minghandu xtraw l-herojina.[10] Fl-istqarrija guramentata taghha hija qalet, li hi ma kinietx taf li dak ir-ragel kien ibiegh l-herojina - kien wara li Kevin Galea qalilha dan.[11]

Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat sahaq hafna fuq il-fatt li dawn iz-zewg xhieda pajzana ma irrikonoxxewx lill-imputat fil-Qorti. Pero, apparti l-fatt li dawn iz-zewg xhieda setghu ma kienux qed jghidu il-verita meta qalu dan, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li dawn iz-zewg persuni kienu qed jixhdu kwazi hames (5) snin wara l-incident, u huwa naturali li l-memorja ta' persuna wara hames snin tigi ofuskata, u hija wkoll ghal din ir-raguni li l-Qorti tati iktar attendibilita lix-xhieda guramentata taghhom, ghax din ittiehdet *a tempo vergine.*

Pero il-fatt li PS579 Antoine Micallef ra lill-imputat jaghmel kuntatt suspettuz ma' Kevin Abela u Mariella Galea fejn Pjazza Fra Diego, il-fatt li fil-basket ta' Kevin Abela instabu fost affarijiet ohra qartas tal-foil li kien fih l-erojina u t-tnejn ammettew li xtraw minghand ragel li kien fl-inhawi ta' Pjazza Fra Diego, il-fatt li l-imputat kellu fuqu tlett qratas ukoll tal-foil, li kien fihom l-herojina, u il-

---

[8] Ara fol. 9 tal-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 69 tal-process.
[9] Ara fol. 15 tal-*Proces Verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 69 tal-process.
[10] Ara xhieda ta' Mariella Galea a fol. 71 *et seq.* tal-process.
[11] Ara stqarrija guramenta ta' Mariella Galea a fol. 7 tal-*proces verbal* ezebit bhala Dok OD a fol. 69 tal-process.

fatt li ma kien hemm l-ebda forma ta’ gustifikazzjoni ghalfejn l-imputat kellu johrog barra bi tlett qratas herojina fuqu, meta l-iktar li kien se juza ghalih personali kien qartas wiehed u meta hu kien qieghed prattikament hdejn il-post fejn joqghod, u cioe f’Qormi Road, Hamrun, li hi ftit metri l-boghod minn Pjazza Fra Diegu, joholqu element qawwi ta’ prova indizzjarja (*circumstantial evidence*) li jippuntaw f’direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat biegh qartas herojina lil Abela u Galea, u li qratas l-ohra li kellu fuqu kienu intizi ghall-ispacc.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li t-tieni imputazzjoni ta’ pussess aggravat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ta’ traffikar tad-droga herojina.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat iddikjara li ma jiftakarx kemm ilu bil-vizzju tal-abbuz tal-herojina.  Pero mill-provi ma rrizulta li l-imputat hu dispost li jaghmel xejn biex johrog minn dan il-vizzju. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta’ dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra.

Il-fedina penali aggornata tal-imputat hija wahda raffrettarja li fiha erbatax (14)-il kundanna, fosthom tlett kundanni relatati ma’ ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kundanna ghal falsifikazzjoni ta’ cekkijiet, sitt (6) kundanni ghar-reat ta’ serq, tlett kundanni ghar-reat ta’ pussess semplici tad-droga herojina u kundanna ghar-reat ta’ loghob illegali. Hu inghata diversi opprortunitajiet minn dawn il-Qrati fosthom inghata il-liberta kondizzjonata tlett (3) darbiet, tqieghed taht ordni ta’ Probation u inghata sentenza sospiza, pero l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati, tant li spicca diversi drabi l-habs.

Fil-kaz odjern, l-imputat inqabad bi tlett qratas li kien fihom piz totali ta’ 0.331 grammi herojina, apparti l-qartas li lahaq biegh. Il-purita ta’ l-herojina kienet 48.7%.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta’ Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet *“... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista’ jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f’dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta’ spaccar ta’ droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta.”*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta’ Mejju 2002, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali irriteniet: *“Illi din il-Qorti specjalment f’kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta’ droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta’ l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta’ deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta’ droga, partikolarment fost persuni ta’ eta tenera, fenomenu dan li ta’ kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta’ eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f’termini ta’ piena.”*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u tmienja u sittin Euro u disa' u sittin centezmu (€268.69), ekwivalenti ghal mija u hmistax il-Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm115.35), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------